MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 310/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**
**Vs**

**Rodney Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Gunju, 2005 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer :
1) kellu fil-pussess tieghu speci ta' ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li ma kienx inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' A.L. 146 tal-1993, kif sussegwentement emendat, kemm-il darba ma ppruvax li dak l-ghasfur, jew partijiet minnu kien impurtat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien irregistrat

mad-Direttur skond il-paragrafu (6) tar-Regolamenti 17 tal-A.L. 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat;
2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi esebixxa, importa jew garr jew offra ghall-bejgh jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu ma dawn ir-Regolamenti kemm-il darba ma ppruvax li dak l-ghasfur kien impurtat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq, u dan bi ksur tal-A.L. 146/93 Art. 12(2).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Ottubru, 2005, li biha wara li rat l-A.L. 146/93, Art. 12(2) u 17(6), sabet lill-imputat hati ta' kif akkuzat u ikkundannatu ghal mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) multa, kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Novembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull piena w htija w, fin-nuqqas li taghmel dan, tirriforma s-sentenza billi taghti piena ta' multa ferm anqas minn dik imposta ta' LM250.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi w ma haditx in konsiderazzjoni li r-registrazzjoni tal-hamsa jew sitt tajriet in kwistjoni setghu saru taht isem iehor; 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament hazin tal-fatt illi l-appellant fl-ebda moment ma kellu intenzjoini li ma jirregistrax mad-direttur l-ghasafar meta fil-fatt kellu registrati l-ghasafar kollha fil-lista ; 3. li minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-Qorti tat piena eccessiva .**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2006;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Li x-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

STANLEY GATT **xehed li fil-31 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas- 6 pm, kien akkompanja lil Pulizija tal-ALE f' search fir-residenza tal-appellant fil-post 4, St. Anne Street, Mellieha. Hemmhekk, taht il-kustodja tal-appellant kien hemm kollezzjoni ta' tajr li hu kien irregistra mall-MEPA fit-2003. Hu kien identifika l-kontenut tal-kollezzjoni w qabbilha ma dak li kien iddikjara l-appellant u rrizultawlu xi diskrepanzi fost l-ghasafar illi huma protetti. Hu kien esebixxa quddiem l-Ewwel Qorti lista ta' l-ezemplari kollha, kif jidher mid-dokument a fol. 5 li juri l-lista tal-ghasafar li x-xhud sab fil-post. Meta qabbel din il-lista mal-lista li l-appellant kien irregistra w iddikjara mall-MEPA, sab li sitt ghasafar ma kienux dikjarati. Sab ukoll li kien hemm numru ta' ghasafar li, ghalkemm kienu gew iddikjarati mill-appellant, ma kienux fuq il-post. Meta staqsewh dwarhom, l-appellant kien qalilhom li dawn marrulu minhabba xi attakk ta' insetti. Kien remihom. Qal ukoll li ma kienx ghamel permess biex jiddisponi minnhom kif del resto irrizulta mir-ricerki li kien ghamel l-istess xhud. Dawn l-ghasafar jinsabu elenkati fil-lista li tinsab a fols 9 u 10 tal-process u kienu sebgha w tletin ezemplari. Is-sitt ghasafar li ma kienux dikjarati gew issekwestrati mill-Pulizija.**

**In kontro-ezami, ix-xhud qal li l-appellant kien qal li seta' kien il-kaz ta' xi *misidentification* da parti tieghu imma skond ix-xhud dan kien possibbli biss fil-kaz ta' ghasfur wiehed u cioe' tal-Leach's Storm Petrel . Ix-**

**xhud zied jghid li meta hu jhares lejn il-mod iddettaljat kif l-appellant issottometta l-lista, isibha difficli jifhem kif bniedem jista' jizbalja bejn speci u ohra meta dan jafhom daqstant tajjeb. Ghalhekk jeskludi li setghet saret xi *misidentification* fil-kaz ta' hamsa mis-sitt ghasafar mhux dikjarati. Il-maggoranza tal-ghasafar li kienu nstabu fuq il-post kienu dikjarati fuq id-dikjarazzjoni li kien ghamel l-appellant mall-MEPA . Wara s-sena 2003, jekk dawk l-ezemplari ma kienux registrati, l-pussess taghhom ikun illegali. L-appellant kien qal li sa fejn jaf hu kien irregistra kollox. Il-piena minima hija ta' mitt lira w l-massima hija dik ta' elf lira.**

L-APPELLANT, **minn jeddu, xehed li l-Leach's Storm Petrel jixtiebah hafna ma ghasfur iehor . L-Stock Dove kien nizzilha mill-Ingilterra w s-Sur Gatt kien raha l-airport u ma ittaggjahhiex x' hin hu kien qallu biha. Hu kien tefaghha fil-vetrina. L-erba l-ohra kienu wirt tan-nannuh w huma antiki hafna. Hu kien tefaghhom hemm u kien minghalih li fil-lista kien kitibhom. Kitibhom hazin. Mistoqsi mill-Qorti taht liema isem hazin kien kitibhom, ix-xhud wiegeb : jahseb…ghax ilu naqra… li kien hemm ir-red shank u kitbu spotted shank, kien hemm cuckoo u kitbu spotted cuckoo … kien hemm oyster catcher u kitbu oyster catcher times 2 ghax kellu tnejn minnhom fuq pedestall wiehed. U kien hemm owl li kitibha taht speci ohra, minn scoops owl kitibha jew little owl jew pigmy owl. Zied jghid li l-ghasafar li intremew gew mormija minn ommu li tefghethom fil-*garbage bags* ghax ommu qaltlu *"Jew int jew l-ghasafar ghax imtela kull m'hemm qiesu friefet "*. Hu ma kienx jaf li trid tirraporta lill-MEPA meta tarmi xi haga. Ommu kienet qalet dan lill-Ispettur Miruzzi li kien max-xhud Gatt. In-nannu li suppost wiret l-ghasafar minn ghandu ghadu haj u jghix maghhom.**

**Ikkonsidrat;**

**Li minn dawn il-provi idher li l-appellant instab fil-pussess ta' sitt ghasafar li ma kienux registrati skond**

**il-ligi mall-MEPA u li inoltre kien hemm numru kbir ta' ghasafar li ma kienux *"accounted for"* minkejja li kienu registrati mall-MEPA u li l-istess appellant jammetti li kienet irmiethom ommu u li hu ma kienx jaf li jrid il-permess biex jiddisponi minnhom.**

**Illi l-ispjegazzjoni li l-appellant ipprova jaghti ghall-fatt li sitt ghasafar ma kienux registrati hija wahda stirakkjata ghall-ahhar u wara li pprova sahansitra jizvija lill-Qorti meta qal li hamsa mnnhom kien wirithom minnghand nannuh, spicca stqarr li nannuh li suppost wirithom minnu kien ghadu haj u jghix mieghu fl-istess dar.**

**Din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li l-akkuzi kontra l-appellant jirrizultaw abbondantement pruvati w li l-appell tieghu jirrazenta l-fieragh. L-appellant ma ghamilx il-prova, lanqas sal-grad tal-probabbli li l-ghasafar li nstabu ghandu kienu mportati b' kod legittimu, ghajr ghal ezemplari wiehed, jew li dawn kienu imrobbijja fil-maqful jew li kienu rregistrati mad-direttur skond ir-regolamenti. Li anki jekk din il-Qorti kellha taccetta l-ispjegazzjoni li ta l-appellant li hu kien irregistra l-ghasafar bi zball taht isem skorrett, dan dan xorta wahda ma jiskuzahx. Illi dan it-tip ta' reat ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika da parti tal-akkuzat. Ir-reat jikkonsisti fil-fatt li jkollok fil-pussess tieghek ghasafar skedati li ma jkunux debitament registrati mall-awtorita', fatt li rrizulta f' din il-kawza bla ebda ombra ta' dubju.**

**Ghal dawn il-motivi l-ewwel zewg aggravji tal-appellant dwar il-htija qed jigu respinti.**

**Illi ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"

**[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha raguni biex tvarja l-piena, partikolarment meta, kif jidher mill-fedina penali aggornata, l-appellant mhux *"first time offender"* u kien instab hati li garr arma senter tal-kacca minghajr ma kellu licenzja valida.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------